

Rikors ippreżentat fit-13 ta' Diċembru 2022 – TUI Holding vs EUIPO – inCruises International (INCRUISES)**(Kawża T-780/22)**

(2023/C 45/36)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: TUI Holding Spain, SLU (Palma de Mallorca, Spanja) (rappreżentant: H. Fangmann, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: inCruises International LLC (San Juan, Puerto Rico, l-Istati Uniti)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea "INCRUISES" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 18 034 630

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-21 ta' Settembru 2022 fil-Każ R 1081/2021-2

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 47(2) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 33(5) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fit-13 ta' Diċembru 2022 – Madre Querida et vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-781/22)**

(2023/C 45/37)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Madre Querida, SL (Burela, Spanja), Hermanos Galdo, SL (Burela), Pesqueras Breogan, SL (Burela), Breso Pesca, SL (Burela), Casariego 99, SL (Ribadeo, Spanja), Pesquerías Mapa, SL (Gozon, Spanja), Virgen de Pastoriza, SL (Burela), Pesca Norte Breogan, SL (Burela), Basanta Frá Hnos, CB (Burela), Armapesca Burela, SL (Burela), Deycon Pesca, SL (Viveiro, Spanja), Larrabaste, SLU (Cariño, Spanja), Pesqueras Canoura, SL (Burela), Pesqueras Luarquesa, SL (Navia, Spanja), Pastor Nauta, CB (Cervo, Spanja), Villaselán 99, SL (Tapia de Casariego, Spanja), Organización de Productores Pesqueros del Puerto de Burela (LUGO) (Burela) (rappreżentanti: Á. Givaja Sanz, A. Lamadrid de Pablo u V. Romero Algarra, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorreni jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla l-Artikolu 2 u l-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1614 tal-15 ta' Settembru 2022 li jiddetermina ż-żoni eżistenti tas-sajd fil-baħar fond u l-istabbiliment ta' lista taż-żoni fejn huwa magħruf li jinsabu jew li x'aktarx ikun hemm ekosistemi vulnerabbli tal-baħar ⁽¹⁾;
- sussidjarjament, u b'mod inċidentali, tiddikjara l-invalidità tal-paragrafi 6 u 9 tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2016/2336 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 li jistabbilixxi kondizzjonijiet speċifiċi għas-sajd tal-istokkijiet tal-baħar fond fl-Atlantiku tal-Grigal u dispożizzjonijiet għas-sajd fl-ilmijiet internazzjonali tal-Atlantiku tal-Grigal u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2347/2002 ⁽²⁾, konformement mal-Artikolu 277 TFUE; u
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tal-kawża.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorreni jinvolkaw żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq l-argument li l-Artikolu 2 u l-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni jiksru prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u l-prinċipju ta' proporzjonalità, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet: jiksru l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni sa fejn jittrattaw b'mod identiku tagħmir tas-sajd li huwa differenti kif ukoll sa fejn jittrattaw b'mod differenti l-ilmijiet tal-Atlantiku tal-Grigal; jiksru l-prinċipju ta' proporzjonalità sa fejn imorru lil hinn minn dak li jirriżulta xieraq u meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika komuni tas-sajd.
2. It-tieni motiv, li huwa sussidjarju għall-ewwel motiv, iqajjem eċċezzjoni ta' illegalità fir-rigward tal-paragrafi 6 u 9 tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2016/2336 sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet jiksru prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni billi jmorru kontra l-Artikolu 291 TFUE kif ukoll kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità.

⁽¹⁾ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1614 tal-15 ta' Settembru 2022 li jiddetermina ż-żoni eżistenti tas-sajd fil-baħar fond u l-istabbiliment ta' lista taż-żoni fejn huwa magħruf li jinsabu jew li x'aktarx ikun hemm ekosistemi vulnerabbli tal-baħar (ĠU 2022, L 242, p. 1).

⁽²⁾ Regolament (UE) 2016/2336 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 li jistabbilixxi kondizzjonijiet speċifiċi għas-sajd tal-istokkijiet tal-baħar fond fl-Atlantiku tal-Grigal u dispożizzjonijiet għas-sajd fl-ilmijiet internazzjonali tal-Atlantiku tal-Grigal u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2347/2002 (ĠU 2016, L 354, p. 1).

Rikors ippreżentat fis-16 ta' Diċembru 2022 – Franza vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-785/22)

(2023/C 45/38)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorren: Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: T. Stéhelin, B. Fodda u E. Leclerc, aġenti)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla l-avviż ta' kompetizzjoni ġenerali EPSO/AST/154/22 – assistenti (AST 3) fl-oqsma tal-ġestjoni finanzjarja, tal-kontabbiltà u teżor, tal-akkwist pubbliku, tad-disinn grafiku u produzzjoni ta' kontenut viżwali, tal-media soċjali u diġitali, u tal-webmaster, ippubblikat fit-22 ta' Settembru 2022 fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.